



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.5.2016
COM(2016) 304 final

2016/0157 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini tal-Ġeorġja, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Linji Gwida komuni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet u l-oġġettivi tal-proposta

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim")¹ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2011. Il-Ftehim stabbilixxa, fuq il-bażi ta' reċiproċità, drittijiet u obbligi legalment vinkolanti għall-iskop ta' simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-ħruġ tal-viża għaċ-ċittadini tal-Georgia. L-Artikolu 12 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt bil-kompitu li jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt innota l-ħtieġa ta' linji gwida komuni sabiex jiżguraw li l-konsulati tal-Istati Membri ta' Schengen jimplimentaw il-Ftehim b'mod kompletament armonizzat u li tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn dan il-Ftehim u d-dispożizzjonijiet tal-partijiet kontraenti (minn hawn 'il quddiem "il-Partijiet") li jibqgħu japplikaw għal kwistjonijiet dwar il-viża mhux koperti mill-Ftehim.

Dawn il-Linji Gwida mhumie x parti mill-Ftehim u għalhekk mhumie x legalment vinkolanti. Madankollu, huwa rrakkomandat ħafna li l-persunal diplomatiku u konsulari jsegwuhom b'mod konsistenti meta jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

• Il-konsistenza ma' dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-Ftehim għandu preċedenza fuq il-Kodiċi dwar il-Viżi fuq kwistjonijiet irregolati mit-tnejn.

Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi dwar il-Viżi² japplikaw għall-ħruġ kollu mhux kopert mill-Ftehim bħalma huma d-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' Schengen responsabbli għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għal viża, il-motivazzjonijiet ta' rifjut li tinħareġ viża, id-dritt ta' appell kontra deċiżjoni negattiva jew ir-regoli ġenerali dwar l-intervista personali mal-applikant.

Ir-regoli ta' Schengen, u fejn xieraq, il-liġi nazzjonali jibqgħu japplikaw ukoll għal kwistjonijiet li mhumie x koperti mill-Ftehim, bħar-rikonossiment ta' dokumenti ta' vvjaġġar, evidenza ta' mezzi ta' għajxien suffiċjenti u ċ-ċaħda tad-dħul fit-territorju tal-Istati Membri, il-miżuri ta' tkeċċija.

Skont l-Artikolu 2(1) tal-Ftehim, il-faċilitazzjonijiet tal-viżi provduti f'dan il-Ftehim japplikaw għaċ-ċittadini tal-Ġeorġja biss safejn mhumie x eżentati mir-rekwiżiti ta' viża skont ir-Regolament 539/2001³. Fil-fatt, jekk il-Ġeorġja kellha tiġi trasferita għall-Anness II tar-Regolament 539/2001 li jelenka l-pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati mir-rekwiżit ta' viża, il-Ftehim ma jibqax japplika. Madankollu, eżenzjoni bħal din tista' tingħata biss lil detenturi ta' passaporti bijometriċi (eżenzjoni tkun speċifikata fin-nota f'qiegħ il-paġna tal-Anness II), il-Ftehim se jkompli japplika għaċ-ċittadini tal-Ġeorġja li huma detenturi ta' passaporti mhux bijometriċi.

¹ ĠU L 52, 25.2.2011, p. 34-44.

² Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni u daww iċ-ċittadini li huma eżentati minn dak ir-rekwiżit, ĠU L 81, 21.3.2001, p. 1.

2. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-Linji Gwida, li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt wara l-adozzjoni ta' pożizzjoni tal-UE fuq il-bażi ta' din il-proposta, għandhom jispjegaw fid-dettall id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim, li għandhom jimmiraw lejn implimentazzjoni xierqa u armonizzata bis-sħiħ.

Il-Linji Gwida jqisu l-Kodiċi dwar il-Viżi u atti leġislattivi oħra fil-qasam tal-politika dwar il-viżi tal-UE. L-għan huwa li jiġi żgurat li l-persunal konsulari tal-Istati Membri jaġixxi skont l-*acquis* tal-UE dwar il-viżi meta jimplimentaw il-Ftehim.

3. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-Kummissjoni ddiskutiet l-abbozz ta' dawn il-Linji Gwida mal-awtoritajiet responsabbli tal-Ġeorġja fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt tal-01/06/2011, 24/11/2011, 13/02/2012, 26-27/02/2013, 04/06/2014 u 13/10/2015, kif ukoll fi skambji ta' e-mails bejn il-Partijiet bejn il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt. Bosta kwistjonijiet pendenti jeħtieġu analiżi aktar profonda fuq iż-żewġ naħat qabel ma jkun jista' jintlaħaq compromess sodisfaċenti għaż-żewġ naħat, partikolarment dwar il-kwistjoni tal-ġurnalisti u l-organizzazzjonijiet professjonali tat-trasportaturi (ara punt 2.2.1, l-ittri (e) u (k) tal-Linji gwida).

L-abbozz tal-linji gwida mehmuż fl-Anness ta' din il-proposta għal Deċizzjoni tal-Kunsill ġie kkonsultat mal-Istati Membri fil-kuntest tal-Kooperazzjoni lokali ta' Schengen f'Tbilisi u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża (l-aħħar konsultazzjoni: 20 ta' Novembru 2015). Il-verżjoni finali tal-Linji Gwida ġiet maqbula mill-Kumitat Konġunt fis-sitt laqgħa tiegħu, li saret fit-13 ta' Ottubru 2015.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini tal-Ġeorġja, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Linji Gwida komuni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2)(a), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 12 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal soġġorn qasir liċ-ċittadini tal-Ġeorġja ("il-Ftehim") jistabbilixxi Kumitat Konġunt. Huwa jipprovdi li l-Kumitat Konġunt għandu b'mod partikolari jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Ftehim.
- (2) Il-Kodiċi dwar il-Viżi (Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) stabbilixxa l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi għal tranżitu jew soġġorni intenzjonati fit-territorju tal-Istati Membri ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum.
- (3) Il-linji gwida komuni huma neċessarji sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni armonizzata sħiħa tal-Ftehim mill-konsulati tal-Istati Membri, u biex tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn il-Ftehim u d-dispożizzjonijiet tal-partijiet kontraenti li jibqgħu japplikaw għal ħruġ ta' viżi mhux koperti mill-Ftehim.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt rigward l-adozzjoni tal-linji gwida komuni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp ta' dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jhux sehem skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju, 2000, dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħu parti f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis*⁴ ta' Schengen. Għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43-47.

tal-*acquis*⁵ ta' Schengen. Għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

- (7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 12 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal soġġorn qasir għal ċittadini tal-Ġeorġja, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Linji Gwida komuni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁵

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, ĠU L 64, 7.3.2002. p. 20-23.